## Rikors ippreżentat fit-3 ta' Diċembru 2007 — Harwin International vs L-UASI Cuadrado (Pickwick)

## (Kawża T-450/07)

(2008/C 37/50)

*Lingwa tar-rikors: L-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Harwin International LLC (Albany, l-Istati Uniti) (rappreżentant: D. Przedborski, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti ohra fil-proċedimenti quddiem il-Bord ta' l-Appell:* Cuadrado SA (Paterna, Spanja)

### Talbiet

— Annullament tad-deċiżjoni tat-Tieni Bord ta' l-Appell ta' l-UASI fil-kawża R 1245/2006-2, mogħtija fl-10 ta' Settembru 2007;

— tikkundanna lill-konvenut u Cuadrado SA jbatu l-ispejjeż tagħhom u jħallsu lura l-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett ta' talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* It-trade mark figurattiva li tinkludi l-kliem "PICKWICK COLOUR GROUP" għal prodotti u servizzi fil-Klassi 25 — applikazzjoni Nru 826669

*Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja:* Harwin International LLC

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:* Cuadrado SA

*Dritt ta' trade mark tal-parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità:* It-trade mark nazzjonali verbali preċedenti "PICK OUIC, CUADRADO SA, VALENCIA" u t-trade mark figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "Pick Ouic" għal prodotti fil-klassi 25

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* Iddikjarat it-trade mark li għaliha saret applikazzjoni invalida kollha kemm hi.

*Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell:* Ċaħdet l-appell.

*Motivi invokati:* Ksur ta' l-Artikoli 8(1)(b) u 56(2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94.

Ir-rikorrenti ssostni li l-konstatazzjoni tal-Bord fir-rigward tan-nuqqas ta' eżaminazzjoni mid-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni ta' l-evidenza mressqa minn Cuadrado hija inkonsistenti u kuntrarja għal liġi. Barra minn dan, ir-rikorrenti ssostni li mhemmx probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks ikkonċernati.

## Rikors ippreżentat fl-10 ta' Diċembru 2007 — WellBiz vs L-UASI — Wild (WELLBIZ)

## (Kawża T-451/07)

(2008/C 37/51)

*Lingwa tar-rikors: Il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* WellBiz Verein, WellBiz Association (Eschen, il-Liechtenstein) (rappreżentant: M. Schnetzer, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Partijiet ohra quddiem il-Bord ta' l-Appell:* Rudolf Wild GmbH & Co. KG (Eppelhein, il-Ġermanja)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-Deċiżjoni ta' l-Ewwel Bord ta' l-Appell ta' l-UASI, tat-2 ta' Ottubru 2007, kawża R 1575/2006-1;

— tiċħad l-oppożizzjoni ta' l-opponent tad-9 ta' Marzu 2005 Nru B 809 394;

— tikkundanna lill-UASI u l-opponent jbatu l-ispejjeż kemm ta' dan ir-rikors u ta' l-oppożizzjoni, kif ukoll tar-rikors quddiem l-UASI.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* WellBiz Verein, WellBiz Association

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "WELLBIZ" għal servizzi fil-klassijiet 35 u 41 (applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 3 844 479).

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni:* Rudolf Wild GmbH & Co. KG.

*Trade mark jew sinjal invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni:* "WILD. BIZ" għal servizzi fil-klassijiet 38, 41 u 42 (trade mark Komunitarja Nru 2 225 175), fejn l-oppożizzjoni hija bbażata fuq parti mis-servizzi fil-klassi 41.

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' l-Oppożizzjoni:* tilqa' l-oppożizzjoni fir-rigward tas-servizzi kollha fil-klassi 41.

*Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell:* tiċħad ir-rikors.